**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 67/07**
L-ERBGĦA 26 ta' April 2017 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *Skużat* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**Attendew ukoll tlett membri tal-pubbliku.**

---

**AĠENDA**

67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
67.4 *Reachout Centre*
67.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
67.6 Rapporti;
67.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
67.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
67.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;
67.10 Mozzjonijiet
67.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 67.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

i. Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġija. — Ittri ta' Apoloġija

## 67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti — Iffrmar tal-Minuti

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 66/2017 tas-7 ta' April 2017 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

i Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, fuq parir tal-avukat tagħna ssuġġerilna li alissa ma nħallsux sakemm jerġa jitkellem hu mal-avukat tal-Kuntrattur. — Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

i.i Il-Kunsill qabel unanimament li alissa ma jħallasx u nimxu mal-parir tal-avukat.

ii. Rigward il-każ ta' vandaliżmu li kien sar fuq il-gazebo fi Ġnien Veliko Turnovo, is-Sindku ssuġġerixxa li ladarba l-persuni kollha involuti ġew mressqa l-Qorti, għandna nibgħatu lill-iSpettur biex naraw in vista tal-fatt li issa l-kawża nqatgħet kif ser nagħmlu biex nirkupraw il-flus. — Vandaliżmu – Ġnien Veliko Turnovo

ii.i Il-Kunsill qabel unanimament.

iii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa ma' Cassar Shiprepair fejn preżenti kien hemm Ismael Dalli fil-vesti tiegħu kemm bħala Kunsillier kif ukoll bħala Segretarju ta' Tarxien Rainbows FC. — Turf tal-ground 5 aside

iii.i Żied jispjega s-Sindku li waqt din il-laqgħa ġew iċċarati xi punti dwar l-użu tal-5 aside u sabiex jiġu ssetiljati nofs l-ammont tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Is-Sur Cassar baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara naqra minn kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows.

iii.ii Sadanittant is-Sindku qal ukoll li aħna tkellimna mal-avukat tagħna biex naraw x'sar mis-seduta tal-31 ta' Jannar 2017. Fejn dan min-naħa tiegħu spjegalna li kellha ssir data oħra f'Ġunju biex ikompli jinstema l-Appell.

iv. Rigward il-każ ta' Triq Betta, is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien mar ikelmu resident u qallu li xi ħadd kien poġġa qasrija u għaldaqstant kien ried lis-Sindku li jmur ikellemu biex jerġa jneħħiha. Is-Sindku qal li hu ma kienx lest li jidħol f'argumenti bejn il-ġirien. Is-Sindku qal li kien wieġbu li f'dan il-każ hu kellu jagħmel rapport lill-għassa. — Bollards – Triq Betta

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward ta' DNO fuq l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass, il-Perit kien ressaq il-pjanta kif ukoll il-BoQ li din kienet tammonta għal bejn wieħed u ieħor €300,000. Is-Sindku qal li kien ovvju li l-Kunsill ma setax iwettaq dan il-proġett waħdu u għaldaqstant qal li kien ser jipprova jġib l-għajnuna finanzjarja. — Ġnien Kurunell Mass

vi. Is-Sindku qal li kien anke nfurmah li t-tender għat-toroq kienet ħarġet u ndikalu wkoll xi toroq għal major patching. — Tender toroq

vi.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar li l-inċident fuq il-monument tal-vittmi tal-gwerra erġajna tkellimna mal-avukat u ser jara x'jista jsir. Il-Kunsillier Frans Agius qal li proprju dak kien l-argument biex f'każ ta' mistoqsija aħna nkunu koperti bil-parir tal-avukat. — Inċident monument – Avukat UNTOURS

vii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku qal li wara li konna ġejna mitluba mill-Enemalta biex nixxiftjaw arblu u biex nagħmlu demarcation box, dan kien sar mill-kuntrattur. — Meter Ġnien Ovindoli

viii. Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu sponsorjati mill-istess Green MT, is-Sindku kkonferma li kienu għadhom ma sarux. — Laqgħa GREEN MT – Bins

viii.i Sadanittant is-Sindku żied jgħid li l-Green MT ma kienux qed jissodisfawna xejn. Kompla jispjega li kien għalhekk li kienu ntgħażlu għaliex huma kellhom ċerta klawżoli fuq il-proposta tagħhom pero kien jidher li ma kienux ser jimxu mal-kuntratt u għaldaqstant ġie ssuġġerit li l-Kunsill jkellem lill-kuntrattur Green MT u jispjegalu li jekk l-affarijiet ma jitranġawx il-Kunsill kien ser jikkunsidra li jwaqqaf il-kuntratt .

ix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm għal darb'oħra konna ktibna lit-TM sabiex ninfurmawhom li kien ġie nnotat li parti mill-konkos li sar ġdid fi Triq B'Bugia diġa kien qed jisfronda, s'issa t-TM ma kenux ħadu l-passi li jidhirilhom xierqa, it-TM kienu għadhom ma weġbuniex. Triq B'Bugia

ix.i Saret diskussjoni u ġie deċiż li terġa tintbgħat reminder lit-TM u nibqgħu ninsistu magħhom li tittieħed azzjoni.

x. Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

x.i. Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

xi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tkellem ma' tal-WEEE dwar is-suġġeriment tal-Kunsillier Lawrence Bonavia li kien għamel fl-aħħar laqgħa fejn hu kellu jitkellem mas-sidien tal-ħwienet u jistaqsihom jekk jaċċettawx li jitpoġġew bins fejn il-pubbliku jkun jista' jiddisponi minn bozzoz ħżiena. Is-Sindku qal li dawn wegħduh li kellhom jiddiskutha nternament. Kunsillier Bonavia – suġġeriment bins għall-bozzoz

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hekk kif kien diġa rraporta dwar is-sinjali tal-art fit-toroq B'bugia u Palma, it-TM kienu qalulna li huma kienu ser jagħmlu wiċċ tat-triq filwaqt li l-Kunsill jagħmel sinjali. Sinjali tal-Art

xii.i. Is-Sindku qal li hawnhekk ried jirreġistra li l-Kunsill ma kellux kuntrattur tiegħu u għaldaqstant peress li l-ispiza kien waħda kemmxejn kbira ktibna lid-DLG sabiex ikunu nfurmati sewwa bil-każ.

*Il-Kunsill Ismael Dalli wasal fis-6.10pm*

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna qed niffinalizzaw tal-ġemellaġġ permezz tal-Kuntrattur Heritage Enterprises. Ġemellaġġ

xiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ħlas tal-10% mir-Reġjun Xlokk lill-Kunsilli Lokali mexjin sewwa u la naslu f'xi fażi jinforma lill-Kunsill. Ħlas 10%b

xv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq il-proposta tal-Kunsillier Lawrence Bonavia li kien issuġġerixxa li fuq it-tabelli fejn hemm l-irħula membri jiktbu wkoll Reġjun Xlokk, kienet ser tiġi diskussa fl-AKL. Tabelli – Reġjun Xlokk

xvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li il-Proġett Citimobilnet kien miexi u l-meeting li jmiss kien fi Braga fil-Portugall. Citimobilnet

xvii. Il-Kunsilliera Doris Vella talbet sabiex isir il-wiċċ tal-bankina li kienet ġiet imneħħija r-rampa fuq l-istess bankina quddiem garaxx li ma jintużax fi Triq San Franġisku. Il-Kunsill approva li jitkompla x-xogħol meħtieġ. Ramp fuq bankina – Triq San franġisk

xviii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għal darb'oħra reġa fakkar lit-TM dwar il-bus shelter ta' Triq Palma. Żied jgħid is-Sindku li kien mar ħa ritratti, ta spjega lill-Awtoritajiet ta' TM u bgħat kollox relatat. Bus Shelter Triq Palma

xix. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li t-TM kienet approvat li :

- Jitneħħa RESERVED quddiem 190, Triq Sammat
- Li jsir RESERVED għal sena quddiem ir-residenz 54, Tariq B'Bugia.

Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni sabiex jintlaqgħu dawn it-talbiet hekk kif approvati mit-TM.

xx. Il-Kunsillier Ishmael Dalli ssuġġerixxa li nerġgħu nibgħatu *reminder* lit-TM dwar il-garanziji tat-toroq Paola u Santa Marija. Is-Sindku wieġbu li l-*reminder* kien reġa ntbgħat u li konna ser nibqgħu nibgħatu reminder sakemm fl-aħħar ikollna xi tweġiba. Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

xxi. Is-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk kienux jaqblu li talbiet għal permessi għall-attivitajiet barra jiġu kkunsidrati mill-Amministrazzjoni u dan mingħajr ma noqgħodu nistennew laqgħa tal-kunsill.

xxi.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li dejjem kienet il-policy tal-Kunsill li l-istaff għandu jmexxi sakemm ma jkunx xi ħaġa straordinajra.

xxi.ii Il-Kunsillier Ismael Dalli ssuġġerixxa li l-Kunsillieri jkunu nfurmati permezz ta' email xorta waħda.

xxi.iii Il-Kunsill qabel unanimament li jibda jsir hekk.

xxii. Is-Seg. Eżek. qrat ittra mibgħuta minn resident dwar ir-razzett tal-baqar. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li peress li kien hemm każ il-Qorti, dan il-każ ma kienx jaqa taħt il-Kunsill Lokali. Ittra Residanet – Razzettt tal-Baqar

xxiii. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li xi kuntratti kienu jridu jiġi estiżi għal sena oħra. Dawn kienu :- Kuntratti estiżi.

- *RX001/2014 The Provision, Services and Installation of Street Lighting mill- 1 ta' Lulju 2017 sal- 30 ta' Ġunju 2018;*
- *TLC001/2014 – The Cleaning, Opening and Closing of Public Convenience mill-1 ta' April 2017 sal-31 ta' Marzu 2018;*
- *TLC002/2014 – The Collection of Mixed Household Waste mill-1 ta' April 2017 sal-31 ta' Marzu 2018.*

. Il-Kunsill Lokali unanimament qabel li dawn il-Kuntratti jiġu estiżi għal sena oħra.

xxiv. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tal-lease tal-Photocopier kien skada u għaldaqstant il-kuntrattur kien qed jirrifjuta li jsewwi. Żiedet tgħid is-Seg. Eżek. li għaldaqstant kellna nitolbu kwotazzjonijiet ġodda. Il-Kunsill qabel li jiġu mitluba kwotazzjonijiet ġodda. Photocopier

**67.4 Reachout Centre**

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li riċentement kull Reġjun kien ingħata €20,000 biex jagħmel studju fuq il-bżonnijiet tar-Reġjun tiegħu. Żied jispjega s-Sindku li l-wegħda wara dan ir-rapport kienet li kellu jerġa jkun hemm ammont ta' flus biex fir-realta jitwettqu xi affarijeit li kienu ħarġu minn dak ir-rapport. Qal ukoll li apparti dawk il-fondi kien hemm fondi oħra Norveġiżi. Qal li għaldaqstant huwa kien qed jipproponi li jinbena Reachout Centre li jkun mgħammar b'kollox. Spjega s-Sindku li huwa kien qed jipproponi li dan isir fi Triq Marija Addolorata biswiet Triq Ħal Luqa. Din l-art diġa kienet ġiet devoluta lill-Kunsill Lokali Ħal Tarxien. Issuġġerixxa li jekk il-Kunsill kien jaqbel allura kellu jsir ftehim bejn Kunsill Lokali Ħal Tarxien u Reġjun Xlokk sabiex dan isir hemmhekk. Is-Sindku qal li diġa kien kellu laqgħa mad-Direttur tad-DLG fejn dan kien semmilu dan il-proġett.

**ii.** Fil-prinċipju l-Kunsill Lokali qabel.

**ii.i** Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li nistgħu forsi nistaqsu għad-devoluzzjoni ta' art fi Triq Wilga ma Triq l-Assedju l-Kbir. Is-Sindku wieġeb li dik iz-zona kienet ser tinbena kollha.

**67.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri

**67.6 Rapporti**

Is-Seg. Eżek. ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali l-AUDITED FINANCIAL STATEMENTS għas-sena 2016.

Il-Kunsill unanimament approva l-Audited Financial Statements.

**67.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti 53/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**67.8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**67.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

i. *Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*
Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li kienet bgħatet lis-Sur Ray Abela TCTC li l-Kunsill ma kienx ser japplika għall-kors tar-ROBOTIKA mat-TCTC. Il-Kunsillier Frans Agius issuġġerixxa li tinħareġ Espressjoni ta' Interess għall-korsijiet tal-kompjuter biex toħroġ għall-pubbliku. Qal ukoll li kien ser jieħu ħsieb jifformula kollox hu.

i.i Il-Kunsill unanimament qabel.

*Il-Kunsillier Frans Agius irtira fis-7.00pm.*

ii. *Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*
Il-Kunsilliera Doris Vella rrapurtat li l-attivita tal-Ħamis 6 ta' April 2017 fis-Soreda Hotel marret tajjeb u li kienet ser tippreżenta rendikont fil-laqgħa li jmiss.

**67.10 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**67.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 7.20PM

ii. Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar l-Erbgħa 31 ta' Mejju 2017 fis-6.00pm

Iffirmat
_________________________
**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

Iffirmat
_________________________
**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**